# 1964 - Is-sena Ċentinarja



1964 - Il-Presepju Ħaj

Is-sena 1964 kienet sena mimlija ġrajjiet ta' ferħ għan-nies ta' Ħal Lija. F'Marzu l-Kappillan Fsadni rtira u minfloku ġie Dun Anton Muscat mill-Mosta, li qabel kien Kappillan ta' Ħad-Dingli. F'Mejju Joe Theuma, li qabel kien soċju tal-MUSEUM, ħa l-Quddiesa bħala patri Kapuċċin. Ismu issa kien Patri Diegu Theuma u wara mbagħad kien laħaq Kappillan tal-parroċċa tat-Trinità, il-Marsa. Illum Patri Diegu Theuma huwa id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Mużikali San Pio X.

F'dak iż-żmien twaqqaf f'Ħal Lija l-Kumitat Ċiviku. Dan kien sar bl-inizjattiva tat-tabib Nazzarenu Azzopardi li ġabar miegħu xi nies li kellhom għal qalbhom il-ġid tar-raħal. Biex dan il-kumitat Ċiviku jkollu bidu tajjeb ġie deċiż li jsir statut, il-laqgħa ta' studju għall-istatut ġdid kienet saret fid-dar tat-tabib, li miegħu kellu lil John C. Friggieri u lil Dun Anton Ebejer.

Minħabba li l-festi ċentinarji tal-istatwa tas-Salvatur kienu qed joqorbu, kulħadd beda jirsisti ħalli dawn jirnexxu. Il-Każini kollha, kif ukoll l-Għaqdiet bdew jaħdmu għal dan il-għan. L-Għaqda tan-nar u l-kumitat tal-festi ta' barra kien daħħlu xi ħaġa tal-flus mill-Presepju Ħaj, u għalhekk seta' jinżeba' l-armar u jsiru pavaljuni ġodda.

Dan seta' jsir bil-ġbir u bl-attivitajiet l-oħra li bdew jorganizzaw il-kumitat kollha. Nies li dejjem kont issibhom jaħdmu din is-sena rduppjaw ix-xogħol tagħhom bla waqfien. F'dik is-sena Salvu Sciberras (l-Ixkomb) ħa ħsieb jiġbor ħalli jsir sett furċini ġodda għall-istatwa tas-Salvatur. Id-disinn tagħhom għamlu s-sur Carmelo Tonna tar-Rabat u l-lasti għamilhom b'xejn Salvu Galea (tal-Mastrudaxxa).

Meta mbagħad waslet il-festa n-nies ta' Ħal Lija wrew kemm tassew kienu jħobbu s-Salvatur. Il-festa ta' ġewwa l-knisja saru bl-akbar solennità. L-Arċisqof Mikiel Gonzi assista minn fuq it-Tron waqt il-quddiesa pontifikali. Saret akkademja fil-Knisja li fiha ħa sehem il-Kor ta' Ġesu Nazzarenu mmexxi minn Patri Salvu Galea OP. Id-diskorsi saru minn Dun Nazzaren Camilleri SB, Salesjan u Professur tat-Teoloġija fl-Università ta' Turin, li għażel bħala suġġett Id-Dinja tas-Salvatur - id-Dinja tagħna, ieħor minn Mario Agius li tkellem fuq l-istatwa tas-Salvatur u ieħor mit-tabib Nazzareno Azzopardi li tkellem fuq Iċ-Ċittadin ta' Ħal Lija.

Il-festi esterni wkoll kien mill-aqwa. Il-Każini bħassoltu ġabu l-baned barranin idoqqu. Il-banda San Piju X għamlet programm u marċijiet mat-toroq tar-raħal. In-nar tal-art u tal-ajru baqa' jissemma bħala l-aħjar xogħol li qatt deher mid-dilettanti Maltin. Inkitbu sunetti u poeżiji u tqassmu programmi f'kull dar.

Kont tisma' n-nies jitkellmu biss fuq l-istatwa tas-Salvatur. Kull min kellu xi statwa żgħira qadima tas-Salvatur beda jaħseb li setgħet kienet l-abbozz oriġinali li għamel Karlu Darmanin. Dawn setgħu jsiru jafu jekk dan kienx veru meta fil-Villa Lija ta' Awwissu 1964 deher ritratt oriġinali ta' Darmanin qed jaħdem l-abbozz tas-Salvatur.

Il-festi ċentinarju għaddew b'wiċċ il-ġid u ħallew warajhom il-ġid mistenni minn festi bħal dawn. Salvu Mifsud (Panziku) wieħed minn ulied Ħal Lija li kien ta sehmu bil-kitba f'dawn il-festi, miet fil-25 ta' Ottubru u n-nies ta' Ħal Lija għalew għalih għaliex Salvu kien bniedem popolari ferm man-nies ta' Ħal Lija. Kien ilu jikteb poeżiji u sunetti fil-festa tas-Salvatur kull sena sa mill-1911 u fil-kitba tiegħu dejjem wera mħabba lejn raħal twelidu. Drawwa ħelwa li kellu kienet illi f'kull okkażjoni ta' xi festi fir-raħal kien iqum u jagħmel diskors tal-okkażjoni u n-nies kien jħobbu jisimgħuh.

*Artiklu miġbur minn Ħal Lija - Il-Villa Matija - Publikazzjoni 1976 - Dun Anton Ebejer.*

